MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' April, 2008

Talba Numru. 948/2006

**Attard & Co (Foodstuffs) Ltd**

**Vs**

**Lante Co Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi li gie pprezentat fit-30 ta` Ottubru, tas-sena 2006 fejn is-socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta` Lm1,109.03 rapprezentanti bilanc ta` prezz minn somma akbar ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali dekorribbli mid-data tal-fattura kontra s-socjeta` konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta kienet giet legalment notifikata b`dawn il-proceduri hija naqset li tipprezenta risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici u

kif ukoll naqset diversi drabi biex tidher fis-seduti mizmuma.

Ra illi permezz ta` nota pprezentata llum stess is-socjeta` attrici rriduciet it-talba taghha ghal €1,000 minhabba pagament jew pagamenti li kienu saru fil-mori tal-proceduri.

Sema` x-xhieda ta` Dottoressa Claudine Zarb li kkonfermat illi fil-gurnata ta` llum, il-bilanc dovut mis-socjeta` konvenuta jlahhaq is-somma ta` €1,000.

Ra u gie notat illi ghalkemm imsejha diversi drabi r-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta ghal darba ohra regghu naqsu milli jidhru ghas-seduta ta` llum.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici fis-sens illi in vista tan-nota pprezentata fis-seduta tas-16 ta` April, 2008 jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` €1,000 (Euros), bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------